# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 7.8

## Kap7: Bil-kuraġġ inħarsu 'l quddiem

## Lezzjoni 7.8: Mgħallem!

## L-għanijiet:

### L-istudenti:

1. Jiddiskutu fejn Ġesù kien għaqli f'dak li qal u għamel (il-kliem meqjus li qal fuq is-salib u l-mod kif kellem lil Marija Madalena meta qam).
2. Jiddiskutu kif jistgħu jixbhu lil Ġesù.
3. Jelenkaw il-vantaġġi ta' meta ngħixu b'dan il-mod.



## Ir-riżorsi għal-lezzjoni:

- Powerpoint bil-kliem li qal Ġesù fuq is-salib.
- – Give thanks to the Risen Christ

https://www.youtube.com/watch?v=2U1MuOCHon4

- The Story of Easter
https://www.youtube.com/watch?v=0PSgoPdKQFQ

- Karta ta' Taħriġ 7.8



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu



- Fakkar f'dak li jkun intqal fil-lezzjoni ta' qabel.
- Stieden lit-tfal jgħidu x'jiftakru u x'tgħallmu, u naraw li jissemmew il-punti l-iktar ewlenin.
- Uri l-ewwel slide tal-powerpoint – Ġesù qed imut fuq is-salib u ara xi tkun ir-reazzjoni tat-tfal. Mexxi lit-tfal biex jirrealizzaw li anke meta kien propju qed imut, Ġesù kien għaqli f'dak kollu li qal u għamel.

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Uri l-kumplament tal-powerpoint li tikkonsisti fil-kliem meqjus li qal Ġesù meta kien qed imut.
2. Elenka dan ix-xogħol ma' eżempji prattiċi ta' kif huma jistgħu jkunu jixbħlu lil Ġesù. Eż. Meta nikkomunikaw mal-ġenituri – meta naħfru – meta naċċettaw lil dawk li jkunu għamlu l-iżbalji – meta nitolbu
3. Uri l-aħħar slides tal-powerpoint fejn naraw il-mod li bih Ġesù kellem lil Marija Madalena meta qam.



4. Hawnhekk ukoll nistgħu naraw x'nistgħu nagħmlu aħna fil-ħajja tagħna ta' kuljum biex inkunu bħalu.
5. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 7.8 u aqra s-silta mogħtija. Uri l-Istorja tal-Għid: https://www.youtube.com/watch?v=0PSgoPdKQFQ
6. Għaddi għal Attività 1 u ddiskuti bħala klassi liema huma veri u liema foloz. Veri: 1 – 3- 4 – 5; Falz: 2
7. Spjega Attività 2 u għin lit-tfal ipoġġu l-istorja wara xulxin.
8. Iddiskuti Attività 3 u fakkar fil-verità li Kristu qam biex aħna mmorru ngawdu l-ġenna.

9. Agħlaq il-lezzjoni billi tkanta mat-tfal - https://www.youtube.com/watch?v=98RxOGe7_Mg – Give thanks to the Risen Christ

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. X'għaqal u xi ħlewwa wera Ġesù anke f'mument diffiċli meta kien qed imut – x'se nagħmel jien biex inkun nixbhu?



2. Ġesù qam mill-mewt wara tlett ijiem u deher lil Marija Madalena u lill-Appostli.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal ikunu ħabrieka u jaħdmu biex isiru persuni aħjar.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

https://www.youtube.com/watch?v=98RxOGe7_Mg

Give thanks to the Risen Christ

- https://www.youtube.com/watch?v=0PSgoPdKQFQ

The Story of Easter



**Nitolbu**



Ġesù, xi tbatija kbira għaddejt minnha fuq is-salib, u kemm kont umli u bil-għaqal, anke fl-aħħar ħin fuq is-salib.  Għinni biex dejjem infittex li nixbaħ lilek f'dak kollu li nagħmel.